MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 115/2002/1

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur u l-konvenuta izzewgu fl-ewwel (1) ta' Marzu elf disa' mija sitta u sebghin (1976);

U premess illi l-kunsens ta' l-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li, kif ukoll jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

U premess illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmmi kien vizjat b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

U premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-1 ta' Marzu 1976 fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talba attrici biex iz-zwieg bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett hija gustifikata minhabba l-karattru vjolenti ta' l-attur li f' dawn il-hamsa u ghoxrin sena li kienu ilhom jabitaw flimkien irnexxielu:

- Jiffrattura l-ghadam ta' kuxtejn ibnu E ta' sitt snin u gabhielu li tlett bicciet;
- Jiffrattura l-polz ta' martu l-eccipjenti, apparti 'head injuries' notevoli,
- Ihassar bit-tbengil wicc bintu D u
- Jigdem u jhalli sfregju f' id ibnu l-iehor F,
- U geghlhom jghixu hajja ta' martirju, li ntemm meta fl-20 ta' Frar 2001 l-eccipjenti telqet mid-dar wara li

rat lil uliedha jsiru kbar bizzejjed biex jiddefendu rwiehhomjekk ikun hemm bzonn mill-vjolenza ta’ l-attur.

2. Illi hafna drabi l-eccipjenti kellha tahrab lejn Catania biex tevita s-swat ta’ l-attur u tirritorna biex tiehu hsieb uliedha, sakemm huwa jerga’ jsawwatha u jkollha terga’ tahrab lejn Catania.

3. Illi l-attur tant kien vjolenti u temibbli illi fid-9 ta’ Gunju 1989 gie ffirmat kuntratt ta’ separazzjoni bejniethom, izda wara hmistax-il gurnata ried lill-eccipjenti tirritorna a kwalunkwe kost u hija kellha tmur lura tghix mieghu u difatti l-kuntratt ta’ separazzjoni gie mhassar fit-30 ta’ Lulju 1999 ghaliex hekk ried l-attur.

4. Illi ghalkemm l-attur qed jattribwixxi r-ragunijiet ghall-annullament fuq l-eccipjenti, fil-verita’ r-ragunijiet huma attribwibbli lilu, minhabba l-imgieba vjolenti tieghu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-1 ta’ Marzu 1976 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali ta’ l-attur kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, kif ukoll dak tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] fl-intier tieghu, ta’ l-istess artikolu tal-ligi.

Minn naha taghha l-konvenuta, ghalkemm taqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null, ma ndikat ebda *caput nullitatis* kontemplat mill-ligi, salv li tghid b’ mod generali li

"fil-verita' r-ragunijiet huma attribwibbli lilu minhabba mgieba vjolenti tieghu."

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Marzu 1976 meta allura l-attur kellu 19-il sena u l-konvenuta kellha 17-il sena, u meta kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ftit xhur, u wara li l-konvenuta kienet harget tqila bl-ewwel tarbija.

F' dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal F, E u D, fl-9 ta' Ottubru 1976, fl-24 ta' April 1979 u fit-28 ta' Frar 1982 rispettivament. Ghalhekk bejn l-ahwa kien hemm interval ta' circa tlett snin. Fis-sena 1986 il-konvenuta weldet tifel li skond il-provi jidher li l-attur mhux il-missier naturali tieghu.

Illi fid-9 ta' Gunju 1989 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali, izda dan gie revokat fit-30 ta' Lulju 1999. Sussegwentement il-partijiet regghu sseparaw de facto, u gew istitwiti l-proceduri odjerni. Illum il-gurnata iz-zewg partijiet ghandhom relazzjoni extra matrimonjali.

Illi t-tesi ta' attur hija fis-sens li huwa kien izzewweg lill-konvenuta peress li dina kienet harget tqila minnu. Huwa jghid li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenuta kellha relazzjoni, anke fit-tul, ma' diversi rgiel, u di fatti f' Mejju 1986 hija kienet harget tqila minn ragel iehor. Wara li hareg ir-rapport tat-testijiet xjentifici datat 15 ta' Mejju 2001 l-attur sar jaf li dan il-wild ma kienx tieghu, huwa qabad relazzjoni ma' mara ta' nazzjonalita' marokkina. Huwa cahad li kien vjolenti mal-konvenuta.

Illi l-konvenuta minn naha taghha tilmenta li l-attur kien taqqalha bl-iskop uniku li tizzewwgu. Hija tghid li huwa kien vjolenti maghha, kien isawwatha spiss u anke fl-attivita' sesswali kien juza l-forza maghha. Hija ghalhekk kienet tibza' minnu, u inoltre kien jimmaltrattaha. Il-konvenuta tammetti li matul iz-zwieg hija kellha relazzjoni ma' tlett irgiel, izda tghid "ma kienx fil-bidu taz-zwieg"[1].

[1] Fol.75

Tghid ukoll li biex tahrab mill-maltrattament ta' l-attur, hija ta' spiss kienet issiefer lejn Sqallija fejn "kelli hbieb hafna rgiel.."[2] Il-konvenuta tiggustifika jew ahjar tittanta tiggustifika l-infedelta' taghha fil-fatt li l-attur kien isiefer ta' spiss fuq xoghol, ghal certu tul ta' zmien, f' liema perijodu hija tghid li hu kien jabbandunaha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi minn jallega l-fatt ghandu l-oneru li jipprova l-fatt minnu allegat;

[2] Illi fl-ezami tal-validita' o meno ta' zwieg civili l-mument krujali huwa dak tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u l-fatti sussegwenti, jekk qrib dan il-mument, jista' jkollhom relevanza biss jekk jaghtu dawl fuq il-forma mentis tal-partijiet fil-mument tal-ghoti ta' dak il-kunsens.

***Qerq***

Illi l-ewwel kawzali hija bzata fuq id-dispost tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu precitat li jikkontempla bhala wahda mill-capita nullitatis il-kaz fejn jigi provat li l-kunsens tal-konjugi, f' dan il-kaz ta' l-attur, kien gie miksub b' qerq mill-konjugi l-iehor dwar kwalita' tal-konvneuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja matrimonjali.

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-para.[c] iridu jikkonkorru erba cirkostanzi: [1] il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; [2] li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; [3] li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u [4] li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi fil-kaz in disamina ma jirrizultax li l-konvenuta qarrqet bl-attur. L-attur jghid li huwa kien izzewwigha peress li kienet harget tqila minnu. Di fatti rrizulta provat li qabel iz-zwieg il-konvenuta kienet harget tqila u dawn kienu

[2] Fol.78

zzewwgu meta hi kellha xi erba’ xhur tqala, u sussegwentement wara z-zwieg twieled l-ewwel wild tal-koppja.

Il-Qorti ma tara ebda qerq f’ dan ir-rigward. Id-decizjoni taz-zwieg, tajba jew hazina, kienet ittiehdet miz-zewg partijiet mehuda minnhom volontarjament. Inoltre, jigi rilevat li l-fatt li matul iz-zwieg il-konvenuta kellha relazzjonijiet extra matrimonjali, partikolarment meta l-attur kien ikun imsiefer, ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni, stante li mill-provi jirrizulta li l-konvneuta bdiet b’ din it-tip ta’ hajja bejn is-sena 1985 u s-sena1986 meta twieled il-wild barra z-zwieg, u ma giex provat li qabel dak iz-zmien il-konvenuta kienet infidila lejn l-attur.  Sa dan iz-zmien mid-data taz-zwieg lahqu ghaddew disa [9] snin li matul <u>il-partijiet kellhom tlett-it tfal</u> spazajati b’ perijodi ta’ tlett snin.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li l-infedelta’ da parti tal-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur, ghalkemm hija certament raguni valida ghas-separazzjoni personali, ma tistax jitqies bhala xi kwalita’ inerenti fil-konvenuta li zammet mistura b’ ingann mill-attur sabiex tottjeni l-kunsens matrimonjali tieghu. Ghalhekk dan il-caput nullitatis ma jikkonfigurax.

***Disrectio judicii***
Illi t-tieni kawzali attrici hja bazata fuq l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat imputat lill-konvenuta.

In propositu jigi osservat li l-konvivenza matrimonjali twila bejn il-partijiet, partikolarment fl-ewwel disa snin taghha, li matulhom dawn kellhom tlett-it tfal u li ma giex provat li fihom il-koppja kienet irriskontrat xi diffikultajiet kbar, jimmiltaw kontra din il-kawzali.

Inoltre, ghalkemm huwa minnu li meta zzewwgu, il-partijiet, partikolarment il-konvenuta kienet ghadha ta’ eta’ zghira, izda mill-banda l-ohra hija kellha l-eta’ preskritta mill-ligi sabiex tikkuntratta zwieg validu, u ghalhekk tinholoq il-presunzjoni juris tantum li hija kellha d-*discretio judicii* necessarju sabiex tikkuntratta zwieg civili. Fil-kaz odjerna ma giex provat il-kuntrarju. Mill-provi ma jirrizultax

li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali dina kienet affetta minn inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li tagharaf u tirrifletti u li tiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Jirrizulta li l-konvenuta flimkien ma' l-attur kienu hadu d-decizjoni li, minhabba t-tqala pre nuzzjali tal-konvenuta, jizzewwgu; izda ma jirrizultax li l-konvenuta ma kellhiex certu dixxerniment dwar l-impenji tal-hajja matrimonjali. Ghal kuntrarju l-ewwel disa snin tal-hajja matrimonjali jimmilitaw kontra din il-kawzali.

Huwa opportun li jigi osservat f' dan l-istadju, li gie ritenut fil-gurisprudenza abbraccjata minn dawn il-Qrati, li la decizjoni zbaljata, la decizjoni bazata fuq motivi zbaljati, u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti biex jintegraw dan il-*caput nullitatis*. Inoltre, jigi ribadit li z-zmienijet turbolenti tal-konvivenza matrimonjali, li skond il-provi, sehhew wara l-ewwel 9 snin, jghatu lok ghal separazzjoni personali, izda ma jissotisfawx l-estremi ta' l-annullament li fuqhom l-attur qed iserrah il-kawzali tieghu. Ghalhekk anke din il-kawzali ma tirrizultax sostnuta mill-provi.

***Anomalija Psikologika***

Illi din il-kawzali hija bazata fuq it-tieni parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat li tikkontempla in-nullita' taz-zwieg fil-kaz fejn fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali wahda mill-partijiet, f' dan il-kaz il-konvenuta, kienet affetta minn anomalija psikologika serja li kienet ghamlitha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Il-Qorti tosserva li din il-kawzali tirrizulta ampjament mhux provata. Ma rrizultat provata ebda anomalija psikologika da parti tal-konvenuta, izda rrizulta biss li, wara zmien relevanti ta' konvivenza matrimonjali, il-konvenuta, bdiet tidhol f' relazzjonijiet extra matrimonjali ghar-raguni, kif moghtija minnha, li hi kienet maltrattata mill-attur [liema fatt gie michud minnu], kif ukoll peress li kienet abbandunata minnu.

In fine, ghal kompletezza, jigi osservat li, ghalkemm il-konvenuta lmentat minn maltrattament u vjolenza da parti ta' zewgha l-attur, il-provi mressqa minnha f' dan ir-rigward u cioe' r-rapporti maghmula minnha lill-pulizija, jirrisalu sas-sena 1989 li huwa z-zmien li fih l-partijiet kienu ffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni, u allura 13-il sena wara z-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ma ssibx sostenn fil-provi u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici; bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------